**21 ta' Marzu, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Francis Xavier *sive* Mosè Aquilina

*versus*

Carmela *sive* Lina Aquilina

**Nullità ta' Ċitazzjoni – Raġunijiet Gravi – Preġudizzju għad-Difiża tal-Konvenut**

*Biex tiġi ddikjarata nulla ċitazzjoni u jitwaqqaf il-kors tagħha jinħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tal-konvenut.*

*Il-Qorti tul is-snin applikat dan il-prinċipju b'mod li fejn kien jonqos il-preġudizzju għad-difiża tal-konvenut jew in-nuqqas fiċ-ċitazzjoni kienet tagħmel tajjeb xi ħaġa oħra għalih, ma annullatx iċ-ċitazzjoni.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Peress li l-kontendenti huma legalment separati u l-konvenuta baqgħet tgħix fid-dar konjugali;

Peress li l-attur għandu fid-dar imsemmija diversi oġġetti speċifikati fid-dikjarazzjoni u oġġetti oħrajn li jistgħu jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża;

Peress li l-konvenuta rrifjutat deċiżament li tħalli lill-attur jidħol ġod-dar imsemmija sabiex jidentifika u jirtira l-effetti mobili tiegħu hemm eżistenti;

Premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni talab li (1) tiġi kkundannata

tippermetti lill-attur li jidħol fid-dar fejn tabita l-attriċi, sabiex jidentifika l-oġġetti ta' proprjetà tiegħu u personali jew tan-negozju tiegħu li jeżistu fl-istess dar; (2) din il-Qorti okkorrendo, tinnomina persuna indipendenti biex tassisti fl-imsemmija identifikazzjoni u tagħmel lista ta' l-oġġetti identifikati; (3) tiġi kkundannata tikkonsenja lill-attur l-imsemmija oġġetti; u (4) fin-nuqqas li tonqos li tikkonsenjahom fit-terminu qasir u perentorju li jiġi stabbilit, tiġi kkundannata tħallas lill-attur il-valur tagħhom;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' ittri interpellatorji ta' l-24 ta' Ġunju, 2 ta' Settembru, u 28 ta' Settembru, 1982;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta fosthom (1) illi ċ-ċitazzjoni hija nulla stante li l-attur ma talabx il-konsenja ta' oġġett ddeterminat u identifikabbli miċ-ċitazzjoni stess u (2) illi ċ-ċitazzjoni hija nulla għax *se mai* l-identifikazzjoni trid issir mill-Qorti u mhux mill-attur jew minn "persuna indipendenti";

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-1 ta' Ottubru, 1984, li biha ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuta bl-ispejjeż kontra tagħha;

*Omissis;*

Rat a fol. 26 in-nota ta' l-appell tal-konvenuta u a fol. 27 il-petizzjoni ta' l-appell tagħha li biha talbet li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza minnha appellata billi prevja l-akkoljiment ta' l-eċċezzjonijiet deċiżi, tiċħad it-talbiet ta' l-attur u tiddikjara ċ-ċitazzjoni nulla; bil-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut *(recte* attur) appellat;

Rat a fol. 35 ir-risposta ta' l-attur appellat għall-petizzjoni ta' l-appellanti li biha ssottometta li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta appellanti u dan għar-raġunijiet *li espona fl-istess* risposta tiegħu;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet *it-trattazzjoni;*

Ikkunsidrat:

*Omissis;*

Illi hu evidenti min-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut appellanti illi hija qed timputa nullità taċ-ċitazzjoni fuq żewġ bażi u ċjoè fl-ewwel lok illi l-attur ma talabx il-konsenja ta' oġġett determinat u identifikabbli u fit-tieni lok għaliex *se mai* l-identifikazzjoni trid issir mill-Qorti u mbux mill-attur jew minn "persuna indipendenti";

Issa hu ovvju illi l-allegata nullità taċ-ċitazzjoni qed tiġi invokata fit-termini ta' l-artikolu 789(1) tal-Kap. 12 li *inter alia* jipprovdi li l-eċċezzjoni ta' nullità ta' l-atti ġudizzjarji tista' tingħata 1) jekk *in-nullità hija ddikjarata mil-liġi* espressament; 2) jekk l-att ikun maħruġ minn Qorti inkompetenti; 3) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi wkoll jekk mhux taħt piena ta' nullità u dan biss f'każ ta' preġudizzju; u 4) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali meħtieġa mil-liġi espressament;

M'hemmx dubbju inoltre illi l-ewwel żewġ ipotesijiet

m'għandhom ebda rilevanza għall-każ in deżamina;

Issa kif qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-28 ta' April, 1978 *in re* Teresa Vella *vs* Salvatore Conti (App. Kumm.) biex tiġi ddikjarata nulla ċitazzjoni u jitwaqqaf il-kors tagħha, jinħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tal-konvenut;

Din il-Qorti inoltre tul is-snin f'diversi sentenzi tagħha applikat dan il-prinċipju b'mod li fejn jew kien jonqos il-preġudizzju għad-difiża tal-konvenut jew in-nuqqas fiċ-ċitazzjoni kienet tagħmel tajjeb xi ħaġa oħra għalih, ma annullatx iċ-ċitazzjoni. (Ara Savona *vs* Asphar deċiża minn din il-qorti fit-23 ta' April, 1945 u dik riportata fil-Vol. XXXIV tal-Kollezzjoni a fol. 313 ta' l-Ewwel parti). Minbarra minn hekk ġie diversi drabi deċiż u llum hu ormai paċifiku li nonostanti l-fatt li ċitazzjoni jkollha xi ħaġa mhux ċara biżżejjed ġo fiha li però hi ċċarata fid-dikjarazzjoni ta' l-attur dan hu biżżejjed biex isalva ċ-ċitazzjoni (ara Bonello *vs* Azzopardi, Vol. XXXIX.II.556; Gerada *vs* Cassar, XXXIV.,II.501, Muscat *vs* Borg *et*, XXXIX.II.575 u Demarco *vs* Fiteni XLI.II.1035);

Issa f'dan il-każ mertu ta' dan l-appell l-attur kien ippremetta fiċ-ċitazzjoni tiegħu li għandu fid-dar fejn tabita l-konvenuta "diversi oġġetti speċifikati fid-dikjarazzjoni u oġġetti oħrajn li jistgħu jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża";

Fid-dikjarazzjoni tiegħu a fol. 3 huwa ddikjara li ilu barra mid-dar konjugali diversi snin u ħalla warajh diversi oġġetti, fosthom l-ilbies tiegħu, oġġetti li hu wiret, effetti mobili tan-negozju tiegħu (fosthom "*spare parts*" ta' magni) u kotba (kummerċjali u oħrajn);

Il-konvenuta qiegħda ssostni li b'daqshekk mhux biżżejjed għaliex l-oġġetti li qed jintalbu mhux determinati u mhux identifikabbli miċ-ċitazzjoni stess;

Apparti però minn dak li ġà ngħad għar-rigward tad-dikjarazzjoni u l-fatt li ċ-ċitazzjoni stess tagħmel riferenza għal dak li hemm indikat fid-dikjarazzjoni, din il-Qorti ma taqbilx *mas-sottomissjoni tal-konvenuta appellanti għal dawn ir-raġunijiet* u ċjoè:

1) l-attur ma talabx sempliċement li l-konvenuta tiġi kkundannata tikkonsenjalu l-oġġetti proprjetà tiegħu iżda wara li ppremetta li l-konvenuta rrifjutat deċiżsament li tħallih jidħol fid-dar tagħha **sabiex jiddentifika u jirtira l-effetti mobili tiegħu hemm eżistenti** talab li l-konvenuta tiġi kkundannata:

a) tippermettilu jidħol ġo darha **biex jidentifika l-oġġetti** ta' proprjetà tiegħu u personali jew ta' negozju tiegħu, liema identifikazzjoni ssir okkorrendo bl-assistenza ta' persuna li tiġi nnominata mill-Qorti, u

b) *una volta* stabbilita l-identità ta' l-oġġetti lilu dovuti, dawn jiġu restitwiti lilu;

2) Hu ovvju għalhekk li waħda mill-kawżali taċ-ċitazzjoni hi proprju l-ħtieġa li jidentifika dawn l-oġġetti u li jekk sa ma ppreżenta ċ-ċitazzjoni din l-identifikazzjoni ma kienx għamilha dan kien proprju għax il-konvenuta ma ħallitux jidħol biex jidentifika ħwejġu;

3) L-oġġetti li l-attur iddikjara in linea ġenerali fid-dikjarrazzjoni huwa indikazzjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti hija

suffiċjenti biex il-konvenuta tkun tista' tiddefendi l-kawża. Dana speċjalment tenut kont li ġaladarba kollox jinstab jew suppost jinstab f'darha wieħed jistenna li hi taf biżżejjed x'qiegħed jintendi żewġha. Fil-fatt din il-Qorti iktar tara li l-konvenuta qiegħda f'posizzjoni li tkun taf x'inhuma dawn l-oġġetti milli l-attur li ilu s-snin li telaq li jiftakar kollox;

4) Barra minn dan hemm l-aspett l-ieħor ta' oġġetti li jista' jagħti l-każ li m'għadhomx fil-fond u li għar-rigward tagħhom l-attur jista' jkollu dritt ta' risarċiemtn fis-sens u fit-termini tar-raba' talba tiegħu;

5) Fil-fehma ta' din il-Qorti meta l-attur qiegħed jirreklama l-ilbies tiegħu qed jitlob l-ilbies kollu tiegħu u l-konvenuta ma tistax tgħid li ma tafx liema huma. Anqas ma jista' jingħad li dawn mhux identifikabbli. L-istess jingħad għall-affarijiet li wiret, għall-effetti mobili tan-negozju tiegħu u għall-kotba kummerċjali. Rigward oġġetti oħra l-fatt li l-attur stess qed jitlob li jingħata l-opportunità li jidentifikhom jiġġustifika l-mod kif ippremetta l-kawżali tiegħu u imposta t-talbiet relattivi;

Għar-rigward tat-tieni talba ta' l-attur mhux korrett dak li sostniet l-appellanti fil-petizzjoni tagħha. Il-konvenuta infatti bit-tieni eċċezzjoni tagħha b'riferenza għal din it-tieni talba ssollevat it-tieni raġuni tagħha għala skond hi ċ-ċitazzjoni kienet nulla. F'dan ir-rigward dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti u ċjoè li t-tieni talba kif konċepita ma setgħet qatt twassal għan-nullità taċ-ċitazzjoni hija ineċċepibbli u din il-Qorti taqbel magħha;

Fl-aħħarnett jiġi osservat li l-fatt li fil-morti tal-kawża fi Prim'istanza l-attur esibixxa lista dettaljata ta' xi oġġetti li qed jippretendi ma jfissirx neċessarjament dak li qed tippretendi l-

konvenuta u dana għaliex fl-ewwel lok il-lista skond l-attur mhux kompleta u fit-tieni lok tispeċifika fid-dettal dak li l-attur talab in linea ġenerali u dan ċertament jgħinha biex tiddefendi ruħha aħjar;

Għal dawn il-motivi għalhekk tiċaħd l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' din l-istanza jkunu a kariku tal-konvenuta appellanti. Fl-aħħarnett tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.